# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356) 21689168, (0356) 21641487 Telefax: (00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.gov.mt


Minuti tas-seduta numru wieħed (1/2016) tal-Kunsill Lokali Ħal Safi (KLĦS) li nżammet nhar il-Ħamis 14 ta' Jannar 2015, fis-2.30pm, fil-Bini Muniċipali ta' Ħal Safi. Il-kunsilliera qablu li l-laqgha tibda kmieni..

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Johan Mula | Sindku |
| | Francis Callus | Viċi-Sindku |
| | Carlo Stivala | Kunsillier |
| | Pietru Pawl Busuttil | Kunsillier |
| | Joanna Abdilla | Kunsillier |
| | Anthony Attard | Segretarju Eżekuttiv |
| | | |
| SKUZAT: | Silaine Cutajar | Ambaxxatriċi |

1. Is-Sindku presedja l-laqgħa u qal it-talba.

2. Il-kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgha precedenti. Dawn gew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

**3. Punti mill-Minuti**

3.1 Il-kunsilliera qablu li nixtru 2 bins ġodda [ref punt 3.1]. Il-Viċi Sindku qal illi fil-leġislatura preċedenti dawn kienu saru wara li konna uzajna l-bins li kelna u ma kienx hemm oħrajn bħalhom biex nuzahom fejn l-istages. Qal illi ma jixtieqx jagħti dell ikraħ fuq il-leġislatura preċedenti wara li l-Kunsill kien jaf għalfejn ma sarux bins ġodda dak iz-zmien. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi mill-bidu kien kontra dawn il-bins li qegħdin f'triq San Pawl. Żied illi fl-opinjoni tiegħu stajna nuzaw bins mill-ġnien il-

Ħelsien. Il-Viċi Sindku qal illi dan ma setax isir peress illi kienu fil-BOQ's illi ġew approvati mill-Mepa għall-fondi tal-UIF.
Il-Viċi Sindku żied illi fil-fehma tiegħu, bid-dustbins ġodda xorta se jkun hemm abbuzi fl-area. Qal illi meta neħħejna l-BIS ta triq il-Kuċċard rajna inqas u inqas abbuzi u forsi n-nies jitgħalmu meta nneħħu l-bins. Żied illi la hemm il-BIS fi triq Qerd in-Naħal xorta qegħdin isiru l-abbuzi. Għalhekk il-problemi mhix it-tip ta' bin illi hemm, izda l-fatt illi hemm bin. Is-Sindku qal li fil-garage kull ma hemm huwa bin ahdar bhal dak li hemm fejn l-ATM. Qal illi l-bins li jehlu jridu jkunu bhal xulxin. Ghahekk l-ahjar li nigbru stimi fuq bins godda u naraw kemm huma.

3.2 Il-Viċi Sindku qal illi ġie kkritikat għax qata 3 pulzieri mit-tabella biex jiffranka ftit flus [ref punt 3.2], meta hemm tabella simili f'parti oħra tar-raħal illi hija iqsar. Żied illi għad hemm il-marki tas-saqajn ta' fejn kienet din it-tabella qabel ma l-Kunsill ressaqha. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi qed jirreferi għal tabella [fejn il-Mitħna tax-Xarolla] li ġiet imwaħħla mill-BOV skond l-ispecs tagħhom, waqt illi dik ta' Ħal Kirkop hija tal-ĦSBC u tidher kerha li qegħda iqsar minn ta' Ħal Kirkop. Żied illi dik ta' ħdejn il-Mitħna ma kinitx fejn kellha tkun fil-passat u għalhekk il-Kunsill neħħija u għamilha fejn qegħda issa. Rigward dik ta triq San Ġwann, kien hemm qbil illi qegħda skond il-konfini.

3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi kien tkellem mal-Prinċipal tal-Public Lotto Office [ref punt 3.3] u li dan qal illi kien hemm gentlemen's agreement ġenerazzjoni ilu l-Kazini għandhom jagħmlu serata/attivita f'isem il-komunita darba fis-sena talli jieħdu fondi mill-gvern. Zied illi m'hemm xejn bil-miktub izda li l-Kazini kollha jafu dwar dan id-dmir tagħhom. Il-Kunsill kien qabel illi jaċċetta li nħalsu sa €400 għas-servizz tal-Banda fil-Milied.

3.4 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq stima ta' €1736.25 għax-xogħol bzonnjuz fit-triq taċ-ċimiterju [ref punt 3.4]. Il-Kunsill qabel illi għandna nirċievu stimi oħrajn la dan ix-xogħol ma jistax isir mill-ħaddiema tal-IPSL. Il-Viċi Sindku qal illi z-zebra crossing fit-triq Carmelo Caruana mhix taħdem. L-MIP se jiġu nnotifikati peress illi t-triq taqgħa taħt ir-responsibilita tagħhom.

3.5 Il-Viċi Sindku qal illi wara li saru d-double yellow lines fejn il-Convenience Store, xorta qegħdin isiru l-abbuzi. Is-Sindku qal illi qegħdin jagħtu ċitazzjonijiet hemmhekk. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi hemm inqas problemi minn qabel izda li xorta ssib minn jipparkja mal-kantuniera jew quddiem garaxx. Il-Viċi Sindku għamel talba biex il-LESA jibagħtu provi li ħarġu ċitazzjonijiet fl-area biex inkunu ċerti li l-wardens ġejjin. Żied illi hemm karrozzi mingħajr liċenzja valida madwar ir-raħal u ma sar l-ebda azzjoni. Żied illi fil-passat kienu anka ġabu ritratt tal-karrozza tiegħu fuq gazzetta meta kellu ftit ħsara

bin-nos plate izda ħadd ma ħa azzjoni fuq karrozzi li ilhom ipparkjati għal sitt ġimgħat mingħajr liċenzja. Is-Sindku qal illi meta kunsillier jinota dawn il-problemi, għandhom jgħidu lill-Kunsill malajr kemm jista jkun u li m'hemmx għalfejn jistennew għal laqgħa tal-Kunsill. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal ukoll illi niddependu fuq in-nies ukoll illi għandhom jagħmlu rapporti.

3.6 Il-Viċi Sindku qal illi ma kien sar l-ebda ftehim mal-ħaddiem tal-IPSL dwar il-kumpens għall-konsum tad-diesel [ref  punt 5.1]. Qal illi hu mhux kontra li jieħu xi ħaġa izda ċaħad illi kien hemm ftehim miegħu. Qal illi fil-passat il-kunsilliera kollha kien jiffirmaw l-approvazzjoni tal-pagament u dan kien ikun għoli [ta' madwar €100 fix-xahar] għax kien hemm 14 il-ħaddiema u dan kien juza l-pickup tiegħu biex jiġbru materjal u biex isir ix-xogħol. Is-Sindku qal illi xorta waħda qed isir hekk u għalhekk dan qiegħed jieħu l-kumpens, barra l-wear and tear. Zied illi wara li kien hemm ħafna mistoqsijiet fuq dan il-ħlas fil-passat, ressaq talba għall-approvazzjoni u dawk kollha preżenti għal laqgħa qablu. Dan issa qed jaħdem biċ-ċippa.
Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi avolja kien wieħed minn dawk illi kien approva l-ftehim, issa mhux lest japprova dawn il-pagamenti għax iħoss illi dan il-ħaddiem qiegħed jieħu izjed milli qed jagħti avolja jaf ix-xogħol tiegħu sew. Qal illi l-istess persuna kien jaħdem bil-karretta meta kien qiegħed il-Marsa.
Il-Viċi Sindku qal illi waqt illi jiġi nnotifikat illi ma kien sar l-ebda ftehim, anqas jemmen illi l-ħaddiema għandhom juzaw il-karretta biex jagħmlu ċerti xogħolijiet u li għandu jieħu li jitħoqlu.
Is-Sindku qal illi €100 huwa l-massimu li dan jista jieħu u mhux se jieħu dal-ammont kull xahar.
Il-kunsillier Carlo Stivala wkoll qal illi fil-fehma tiegħu €100 huwa ħafna.

3.7: Il-Kunsill ġie nnotifikat illi dan il-kuntrattur beda jaħdem madwar ir-raħal [ref punt 6], wara li kien iltaqa mas-Sindku, Segretarju Ezekuttiv u mal-kunsillier Pietru Pawl Busuttil. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil għamel talba biex jiġi nnotifikat qabel ma jixtri x-xtieli ħalli jkun jista jagħti parir ta x'hemm bzonn.

3.8: Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil staqsa lill-kunsilliera Joanna Abdilla kif marru fl-attivita t'Għajnsielem [ref punt 7.5]. Hi rrispondiet li kollox mar sew u li ħadu pjaċir in-nies.

3.9: B'referenza għal librerija [punt nru 11.1], il-Viċi Sindku qal illi hemm il-ħsara bit-telefon. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi sar jaf matul il-ġimgħa u meta l-kuntrattur jiġi biex ibiddel is-sistema tat-telefons tal-Kunsill u jġib telefons ġodda, għandu jieħu ħsieb dan ukoll. Peress illi għandu jiġi fl-4 u fil 5

ta’ Frar [is-Segretarju Ezekuttiv fakkar ukoll illi l-Kunsill kien qabel mat-talba biex isir dan ix-xogħol f’2015], għal librerija huwa possibli li nagħmlu Purchase Order separat u li nixtru t-telefon qabel.

3.10 Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi bagħat korrespondenza lis-Street Naming Committee ħalli nieħdu l-passi biex nagħtu isem uffiċjali għat-triq taċ-ċimiterju [ref punt 11.2]. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi hemm lasta li qegħda mdendla fit-triq, u li hemm spotlight li mhix taħdem.

3.11 Il-Viċi Sindku qal illi l-Kunsill qed jikkontradixxi lilu nnifsu [ref punt 11.3] bit-talba għal kaxxa safra quddiem il-garaxx. Qal illi fil-passat meta kien qal illi kull garaxx/xatba ta’ 8 piedi jew aktar, għanda dritt li tingħata kaxxa safra izda kien sab oġġezzjoni mill-Kunsill. Hu qal illi mhux kontra li jsir ix-xogħol.

3.12: Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi reġa mar jara s-siġra li qegħda toħloq problemi fiċ-ċimiterju [ref 11.5] u m’hemm l-ebda ċans illi l-ġardinar se jkun jista jieħu ħsieb ix-xogħol hu minħabba l-ħxuna tas-siġra. Il-Kunsill se jara jekk il-kuntrattur tas-soft areas ikun jista jieħu ħsieb illi jsir dan ix-xogħol. Il-Kappillan għandu jkun jaf x’se jiġri. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-kuntrattur se jkollu jitlob permess mill-MEPA f’kaz illi huwa projbit illi tmiss din it-tip ta’ siġra.
Il-Viċi Sindku qal illi fil-leġislatura preċedenti kien tkellem mal-Kappillan fejn kien offra għajnuna biex hu jakkwista fondi biex jintuzaw biex tkabbar iċ-ċimiterju. Suppost meta jibda r-rinovazzjoni taċ-ċimiterju jsir dan ix-xogħol.

3.13: Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-ħaddiema tal-IPSL naddfu l-panelli [ref punt 11.6].

3.14: Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-ilment ġie rraportat. Zied illi l-foreman t’EneMalta ġie u dar miegħu madwar ir-raħal. Fost l-affarijiet illi ntqalu, il-foreman aċċetta li għandha tinbiddel l-arblu fl-iskola u din għanda ssir nhar il-Ġimgħa 15 ta’ Jannar.

3.15: Fuq il-punt taċ-ċekk tal-impjegati [ref punt 11.13] il-Viċi Sindku qal illi l-ħaddiema għandhom jieħdu magħhom iċ-ċitt ma kull paga li jieħdu.

## 4. Korrespondenza

4.1: **MOC**: Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi għandna nibagħtu lill-MOC biex nieħdu r-rikonoxximent tagħna.

4.2: **TM: MotorCycle Bay:** Ġie speċifikat id-dimensions għall-MC Bay wara li l-Kunsill talab dal-informazzjoni peress illi hemm il-ħsieb illi ssir waħda f'triq Ta' Ġawhar. Il-Viċi Sindku qal illi wieħed jista jipparkja mutur f'parking normali izda rrid ikun orizontali jew sa 45 degrees. Zied is-suġġeriment tiegħu li nitkellmu mas-sid tal-mutur ħalli nagħmlu bay għal MC li għandu juza minflok parking normali.

4.3: **TM: Triq l-Ibraġġ:** Rigward il-kaz mas-sur Francis Buhagiar, is-Sindku qal illi għandhom jitilgħu l-qorti fejn se jistennew is-sentenza. Qal illi s-sur Buhagiar kien qed jiddefendi ruħu u li ġie mwaqqaf mill-Maġistrat għax kien qed jidħol fuq affarijiet illi ma kellhomx jaqsmu mal-kaz.
Il-Viċi Sindku qal illi kull persuna għandu dritt ikollu aċċess għall-propjeta tiegħu, f'dan il-kaz sid il-propjeta fejn hemm ix-xatba.

## 5. Payment Approval Sheet

5.1 Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi mhux se jiffirma l-pagamenti għal Mario Petrol Station peress illi hemm il-pagamenti tal-ħaddiem tal-IPSL li qed jieħu €100 fix-xahar.

## 6. Pjan ta' Ħidma

6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ta l-pjan tal-ħidma 2016-2018 lill-kunsilliera flimkien mad-dokumenti tal-laqgħa. Staqsa jekk raw id-dokument u biex neditjaw il-partijiet illi jemmnu għandhom jinbidlu.
Il-Viċi Sindku qal illi qara d-dokument u li hemm wordings illi għandhom jinbidlu fil-fehma tiegħu. Qal illi l-Kunsill ma jista jagħmel wegħdiet illi ma jistax izomm. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Pjan huwa dak illi jixtieq iwettaq il-Kunsill izda dejjem bl-għajuna minn terzi parti u mill-fondi. Qal illi għandna naħdmu skond il-baġit tas-sena, waqt illi l-pjan testabilixxi l-idejat u kif nixtiequ nwettquhom. Zied illi dan kitibhom billi ħa ideja fuq pjanijiet antiki tal-Kunsill, u minn Kunsilli oħrajn, kif ukoll zied ftit idejat li diġa jaf bihom, izda huma l-kunsilliera li għandhom jagħtu ideja ċara tal-proġetti li jixtiequ jaraw u iwettqu.
Il-Viċi Sindku zied illi jixtieq jinkludi ftit punti oħra bħal, per ezempju, fejn hemm miktub il-parteċipazzjoni taż-żagħżagħ u tal-KLZ għandu jiġi nnotat illi huma bdew fil-leġislatura preċedenti.
Fuq ftit proġetti msemmin qal illu għandna nġeddu l-permessi eżistenti. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm tax-xelter u ta Sir Alexander Ball u dawn jiskadu f'Settembru 2017.

**7. Jum Ħal Safi**

7.1: Is-Segretarju Ezekuttiv ta dawn l-updates staqsa jekk il-kunsilliera jaqblu li naħdmu bl-istess pjan tas-soltu ħalli nibdew bil-preparazzjonijiet għal Jum Ħal Safi. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni u għalhekk l-attivitajiet se jkunu:

Il-Ħamis 14 t'April: Wine and Pizza Night u kompetizzjoni tal-inbid
Is-Sibt 16 t'April: Premju Onor.
Il-Ħadd 17 t'April: Riċeviment fis-sala tal-Kunsill

7.2: Is-Sindku qal illi fl-10 t'April għandha ssir ukoll ir-reeactment u skont il-fondi li nirċievi nkunu nistgħu nkabbru l-attivita. Staqsa lil Viċi Sindku jekk hu lest jagħmel l-ikla tradizzjonali. Il-Viċi Sindku qal illi hu lest jagħmel dan ix-xogħol l-aqwa li jiġi nnotifikat qabel ma jibbukja l-ġurnata għas-servizz tiegħu persuna oħra. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ntbagħtet l-applikazzjoni għal dawn il-fondi f'Diċembru.

7.3: Il-kunsilliera Joanna Abdilla qalet illi hi tixtieq tagħmel it-treasure hunt fil-lokalita bħala parti mill-attivitajiet ta' Jum Ħal Safi. Il-Kunsill qabel.

7.4: Is-Sindku staqsa lill-kunsillier Carlo Stivala jekk jixtieq jerġa jorganizza l-isports Day tat-tfal. Il-kunsillier Carlo Stivala ma sab l-ebda oġġezzjoni. Il-Kunsill qabel li ssir.

7.5: Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi se jibgħat il-lista tal-ex membri tal-Bord tal-Premju Onor u talab lill-kunsilliera biex jekk għandhom suġġerimenti oħra biex niddiskutuhom fil-laqgħa li jmiss. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi jixtieq iressaq quddiem il-mejda talba biex is-sur Publius Abdilla jkun parti mill-Bord. Il-Kunsill qabel, izda l-Bord se jiġi maħtur fil-laqgħa li jmiss.

**8. Ħeritage Trail**

8.1 Is-Sindku esprima x-xewqa tiegħu li ntejbu t-trail billi jkun hemm aċċess għal kull landmark mill-katakombi fejn il-Mitħna tax-Xarolla sat-Torri ta' Ġawhar. Rigward it-Torri d-Dipartiment tal-Lands qalu li l-propjeta madwar it-Torri hija tal-Gvern u min qed juza l-art jaf illi fil-futur hemm ċans illi għandhom iċedu biċċa mill-art biex isir passaġġ ħalli jkun hemm aċċess għat-Torri. Is-Sindku zied illi hemm il-ħsieb illi bil-fondi jkun jista jsir tarmak bejn Ġnien Sir Alexander Ball sat-Torri ta' Ġawhar. Il-Kunsill qabel mal-proposta u l-Perit se jitfa l-permess lill-MEPA.

Is-Sindku zied ukoll illi ssir klawsola fil-kuntratt tal-Perit illi jkun ukoll il-persuna li jgħin fil-proposti tagħna għall-fondi ewropej. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-kuntratt ma jistax jinbidel issa u li fl-aħħar tas-sena se jkun hemm sejħa għall-kuntratt ġdid fejn il-klawsola tista tkun inkluza. B'hekk minn japplika se jkun jaf illi fost l-affarijiet illi nixtiequ, il-Periti għandhom ikunu ntizi fejn jidħlu fondi ewropej.

## 9. Performance Bonus: Segretarju Ezekuttiv

9.1 Is-Sindku rċieva l-formola tar-rapport mid-DLG rigward ix-xogħol tas-Segretarju Ezekuttiv u ppropona li jieħu t-10% Performance Bonus. Il-Kunsill qabel. Is-Segretarju Ezekuttiv irringrazzja lill-kunsilliera.

## 10. Ħwejjeg Oħra

Is-Sindku:

11.1 qal illi s-sid tal-propjeta fejn sar il-permess għaċ-Child Care Centre ġie biex jistaqsi fuq il-pjanijiet tal-Kunsill rigward l-uzu tal-art. Il-Viċi Sindku qal ilil għamilna pjanta u ġibna l-permess u li ma kien sar xejn bil-miktub bejn il-Kunsill u dan il-persuna. Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi konna applikajna fuq l-art tiegħu bl-iskop illi hu jieħu art ieħor mill-Gvern. Peress illi llum mhux vijabli li l-Kunsill jibni Child Care Centre u peress illi l-maġġoranza tal-propjeta taqa taħt l-iskola, il-Viċi Sindku qal illi meta tasal iz-zmien għandna nġeddu l-permess ħalli nuzaw l-art għall-proġett ġdid. Zied illi s-sid m'għandu bzonn l-ebda permess mill-Kunsill biex jibni fuq il-propjeta tiegħu.

Il-kunsillier Pietru Pawl Busuttil qal illi forsi xi entita waqqfu u għalhekk għandna nirċievu mill-entita l-ewwel. Qabel illi nġeddu l-permess.

11.2 irċieva talba minn kopja li jixtiequ jiżżewġu fis-sala tal-Kunsill. Peress illi ma kienx hemm qbil illi s-sala tinkera fil-passat ressaq din it-talba. Il-Kunsill qabel illi din issir peress illi mhix kirja u peress illi s-

Sindku, bħala rapprezentant tal-Kunsill, se jkun parti mill-okazzjoni. Il-Kunsill qabel illi għandhom iħallsu l-ispejjez għat-tindif tas-sala u xi ħaġa extra għall-konsum tal-elettriku u ilma. Kien hemm qbil li l-koppja li se tuza s-sala tintalab biex tħallas is-somma ta' 100 ewro.

11.3 qal illi l-kuntrattur li jista jġib vending machine ġie biex jara l-post u l-post idejali huwa fil-Playing Field fejn il-grawnd tal-futbol. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li ssir taħt sorveljanza ta' kamera u li noqogħdu attenti jekk se jgħaddi wires mill-grawnd għall-magna minħabba t-tfal li jkunu fil-grawnd/Playing Field.

11.4 qal illi hemm problema bl-AED's għax m'hemmx tracking device għal ta' l-apposta għal dawn il-magni. Dawn għandhom isiru taħt is-sorveljanza tas-CCTV. Il-Viċi Sindku qal illi meta dawn ikunu f'posthom, isiru korsijiet fuq l-uzu tagħhom. Il-kunsillier Carlo Stivala qal illi fil-fuljett li jmiss ikun hemm paġna dedikata fuq hekk. Il-Kunsill qabel.

11.5: Talab għall-feedback tar-rotot il-ġodda tal-Public Transport. Il-kunsilliera Joanna Abdilla qalet illi rċeviet ilment illi dawk għal Mater Dei ma jagħddux spiss. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi nbiddlet ir-rotta izda bħala frekwenza kienu, u għadhom, b'1 fis-siegħa għal 117 kif ukoll għal 218.

11.6: Irċieva lment minn resident illi hemm min mhux qed jagħmel il-biċċa ħadida li hemm fid-daħla tal-isqaq Santa Marija. Il-Kunsill qabel mal-porposta li niktbu ittra lir-residenti biex ipoġġu din il-biċċa ħadida lura f'postha u biex ikunu prudenti lejn is-sidien tal-propjetajiet tal-isqaq.

Il-Viċi Sindku:

11.7: Irraporta li l-fanali fejn l-ATM mhumiex jaħdmu

11.8: Qal illi hemm bzonn illi nagħtu kaz il-proġett tal-Ħlantun. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-ħaddiema tal-ETC, kif ukoll dawk tal-IPSL tal-Kunsill taż-Żurrieq qegħdin imorru, izda ma marrux mill-bidu tas-sena s'issa

Il-kunsilliera Joanna Abdilla:

11.9: Ressqet talba biex issur tip ta' lighting fuq il-bandiera fid-daħla tar-raħal. Il-Kunsill qabel. Is-

Segretarju Ezekuttiv qal illi peress illi x-xogħol irid issir f'triq Carmelo Caruana, se jara jekk jista jsir mill-MIP l-ewwel

11.10: Għamlet talba għal update rigward triq il-Kuċċard. Is-Sindku qal illi s-CEO tal-proġett qal illi sar baġit biex dan ix-xogħol issir f'2016. Il-Kunsill kiteb lil TM u lis-SuperIntendence biex issir laqgħa izda s'issa ma rrispondewx. Il-kunsilliera Joanna Abdilla qalet illi se tinsisti li l-ħajt ma jibqax kif inhu. Il-Viċi Sindku qal illi l-bdiewa għandhom dritt ikollhom dan il-protezzjoni għall-propjeta tagħhom.

11.11: Fakkret fuq it-talba tagħha rigward post ta' parkeġġ f'triq Rqajja.

11.12: Stiednet lill-kunsilliera kollha għar-reċta li se ssir fl-24 ta' Jannar fejn se jieħdu sehem il-KLZ. Il-kunsilliera rringrazzjawha għall-istedina.

Il-kunsillier Carlo Stivala:

11.13 qal illi bagħat emajl rigward in-Nutrition Class [ref punt 11.10] waqt il-laqgħa. Il-Kunsill se jara meta dawn għandhom isiru.

12. **Laqgħa li jmiss**

12.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6pm.

12.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir fis-16 ta' Frar 2016

Sindku
Johan Mula

Segretarju Eżekuttiv
Anthony Attard